# Stella Maris - Bejn Alberti u Palladio

Minn Comm. Salvator Mousù

Ir-rabta ta' Tas-Sliema mal-baħar daqs dik tar-rabta tagħha mal-Madonna hi storikament u ġeografikament innegabbli daqskemm popolari. Infatti mhux anqas minn tliet parroċċi f'dawn in-naħat huma ddedikati lill-Madonna. Imma, sa minn ġuf ommha, biex ngħidu hekk, l-"Istilla tal-Baħar" kienet intrabtet mal-post u meta dal-post beda jiġi abitat u n-nies kotrot l-ewwel ħarsa u ħtieġa kienet dik ta' binja fejn l-abitant xtaq jitlob u jirringrazzja lill-Ħallieq.

Dettalji tal-oriġini tal-lokal mal-kappella li l-Franċiżi kienu ddistruġġew u dik tal-Kappella tal-Grazzja u tal-*Buon Viaggio* u, fl-aħħar nett, dik ta' *Portus Salutis* jew popolarment ta' *Porto Salvo* huma magħrufin sew. Imma li xtaqt hawn nenfasizza hi din ir-rabta, jew linja, ininterrotta ta' eventi u dediki li qatt ma tbegħdu mill-ħsieb oriġinali ta' missirijietna, jiġifieri dik ta' fiduċja f'Ommna tas-Sema.

Din l-ispeċi ta' katina li ma tinħallx hi wkoll sintomatika mal-iżvilupp passat urbanistiku daqs dak arkitettoniku tat-tempju tagħna li kellu, bħal tant oħrajn, id-diffikultajiet, il-konflitti u l-kompromessi, sakemm saret il-knisja, kif inhi llum.

Meta nbniet l-ewwel knisja l-popolazzjoni taż-żona ta' Stella Maris ma tantx kienet numeruża u allura l-ħsieb tal-binja kien dak ta' spazju suffiċjenti u, kif nafu, f'dak iż-żmien kien ġie stmat li knisja li tista' tospita mas-600 ruħ kien biżżejjed. Diskussjonijiet u anki polemiċi ma naqsux imma sa fl-aħħar saret talba lill-perit biex jaħseb għal pjanta ta' knisja "ġdida" u dan kien Giuseppe Bonavia (1821-1885). Dan l-arkitett, bhal periti oħra ta' żmienu, kien ferm versatili u bir-Romantiċiżmu (t'hawn Malta) fl-aqwa tiegħu, l-istili tal-bini kienu spiss iħarsu lura lejn epoki meqjusin bħala romantiċi. Bonavia kien bħal jaqbeż minn stil għal ieħor b'ċerta faċilità u anki b'ċerta konsistenza bħal per eżempju mill-gotiku, għall-klassiku, għall-barokk, għan-neoklassiku li nkluda wkoll il-Venezjan.

Fejn tidħol il-knisja ta' Stella Maris, Achille Ferris, fil-ktieb tiegħu *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* tal-1866 jfaħħar dan ix-xogħol ta' Bonavia li, skont hu, ħa ħsieb il-bini tagħha mill-bidu sal-aħħar bla ħlas u jgħid li: " *l'architettura e' netta e di castigato stile ionico*" filwaqt li dwar l-intern ikompli li hu (jew aħjar kien) "*e' magnifico ed elegante, specialmente l'abside*". Mela kienet serja, sempliċi imma eleganti. Li ma naqbilx ma' Ferris hi r-rimarka li hi ta' stil ioniku għaliex kull ma hu joniku fil-knisja huma biss il-kapitelli, mill-bqija mill-joniku ma għandha xejn.

Imma biex niġbed lill-qarrej lejn ħsibijiet l-arkitett fejn tidħol Stella Maris(l-antika) nixtiequ jżur, mentalment, il-ġmiel tal-palazz ta' Francia tal-Belt li Bonavia

xtaq li jikkombaċja u anki jibrilla mal-ġmiel (li kien) tat-Teatru Irjal. Issa meta wieħed josserva l-aperturi mill-ewwel jinduna bl-influwenza ċara Venezjana. Jekk Bonavia marx Venezia jew le ma nafux (jien nissuspetta li kien mar peress li l-marka Venezjana hi ċarissima). Madankollu huwa żgur li bħal tant periti oħrajn kellu bosta stampi, riproduzzjonijiet jew disinji ta' binjiet ċelebri bħal dawk ta' Andrea Palladio (1508-1589) u oħrajn. U allura la semmejt lil Palladio, li opera essenzjalment fl-abitu tal-Veneto, dan ukoll ħalla l-effett tiegħu l-aktar fil-faċċata tal-knisja oriġinali.

Biex nuri kemm dan hu, jew kien, minnu, barra mill-evidenza stilistika, ta' min jiġbed l-attenzjoni li propju xi għaxar snin qabel inbniet din l-ewwel knisja ta' Stella Maris (1854) kienet inbniet il-knisja ta' San Antnin ta' Padova ġewwa Trieste (li mhix wisq 'il-bogħod minn Venezia). Din tagħmel parti minn proġett meraviljuż ta' *Canal Grande* artifiċjali li kien issemma mad-dinja kollha arkitettonika. Jekk Bonavia mar Venezia (dejjem ngħid 'jekk') naħseb li ma setax jonqos milli jmur jinvista dil-meravilja jew għallinqas kellu xi sketch jew disinn tagħha. Hawnhekk qed nipproduċi disinn ta' Doreen Yarwood li juri lill-knisja ta' Sant'Antnin bħala binja fl-isfond ta' dan il-*Canal* sabiħ. Dan qed nakkumpanjah minn disinn li ħriġt minn ritratt antik ta' kif kienet fl-oriġini il-knisja ta' Stella Maris u l-qarrej żgur li mill-ewwel jara s-similitudni (kważi identika) taż-żewġ knejjes i.e. dik tagħna ma' dik ta' Trieste.

Għalkemm dawn it-tnejn nistgħu nqisuhom bħala palladjani min-naħa l-oħra ma nistgħux ma nqisuhomx bħala dixxendenti diretti wkoll tal-Pantheon Ruman.

Kif kulħadd jaf, bħal ma ġara fl-ibliet u villaġġi oħra Maltin, iż-żieda fil-popolazzjoni speċjalment dik ta' Tas-Sliema, kienet preċipituża, infatti mill-1854 sa xi ħmistax-il sena wara biss il-popolazzjoni kienet ikkwintuplikat! Dan ħasseb u ġiegħel li jintalab it-tkabbir tagħha u għal dan il-għan, għalkemm ma nafx b'ċertezza, naħseb li ntalab is-servizz ta' Giuseppe Bonavia li fl-1871 kien għadu mimli bil-għomor.



***Il-knisja ta' Sant'Antnin fit-tarf tal-*Canal Grande *(Trieste) tal-arkitett Pietro von Nobile reminixxenza tal-Pantheon li setgħet ispirat lill-knisja oriġinali ta' Stella Maris.***
*(Disinn ta' Doreen Yarwood)*

Fl-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin kien hawn bħal kilba fl-arkitettura ekkleżjastika Maltija sabiex tinbidel, tikber u "tisbieħ" il-faċċata ta' diversi knejjes



***Disinn tal-ewwel knisja ta' Stella Maris ibbażat fuq ritratt antik tal-epoka: xogħol ta' Giuseppe Bonavia tal-1854. Jurina t-tqabbil, kważi identiku, ma' dik ta' Trieste. F'dan id-disinn (mir-ritratt) ta' min josserva hawn li ġa' tidher il-koppla li ttellgħet fil-1878 ferm qabel il-faċċata tal-lum.*** *(Sketch ta' Salvator Mousù)*

u fosthom jispikka Nikola Zammit, li fuq kollox ma kienx perit. Biżżejjed insemmu hawn il-ġmiel ta' faċċati tiegħu ta' San Pawl tal-Belt, San Publiju tal-Floriana u San Nikola tas-Siġġiewi.

Intant inħasset mill-parruċċani ta' Stella Maris l-istess xewqa li probabbilment kien dehrilhom li l-portiku esastil (b'sitt kolonni) tal-faċċata kien "fqir" u ma jsegwix l-imponenza tat-tkabbir intern fosthom dik taż-żieda tal-koppla tant imdaqqsa. Peress li Bonavia kien miet, intalab l-intervent ta' "arkitett" li kien in voga: Andrea Vassallo (1856-1928).

Dan il-perit ġenjali, bniedem ta' kapaċità u kompetenza straordinarja, kien ġie rikonoxxut bħala tali biss fil-1908 mingħajr il-bżonn li jagħmel kors universitarju u joqgħod għal xi eżami, test jew tesi.

Bħal Bonavia qablu, Vassallo kien ukoll versatili u kien jiddeletta, anzi jispeċjalizza, b'diversi stili kollha bl-istess kompetenza. Biżżejjed insemmu l-knisja (neo-romanika) ta' Pinu, iż-żewġ koppli tal-Ħamrun u tas-Siġġiewi, Villa Rosa u aktarx l-isbaħ skola ta' Malta dik ta' Tas-Sliema. Bħal Bonavia wkoll, meta ġie biex ikabbar u jittrasforma l-faċċata tal-knisja ta' Stella Maris kien, wisq probabbli, li ġie influwenzat minn faċċati riċenti u li dehru fl-Ewropa jiġifieri dik ta' żewġ torrijiet, jew kampnari, mifrudin (u magħqudin) b'arkata kbira, ta' żewġ pjanijiet jew aktar, li tħaddan il-bieb monumentalment prinċipali. Ma nistax ma nirriflettix hawn li l-oriġini ta' dan it-tip ta' bieb monumentali teħodna għall-ħsieb u idea ta' Leon Battista Alberti. (1404-1472).

Hawn ukoll qed nakkumpanja dal-ħsieb tiegħi b'illustrazzjoni oħra li turina binja li telgħet propju fl-istess perjodu tal-estensjoni nterna tal-knisja tagħna. Din turina xogħol ta' Alfred Waterhouse, l-arkitett tal-Mużew tal-Istorja Naturali ta' Londra. M'inhix qed nissuġġerixxi hawn li Vassallo ikkopja jew ispira ruħu



*Il-faċċata ta' Stella Maris illum, iddisinjata minn Andrea Vassallo fil-1878 li turi bosta elementi komuni ma' dawk tal-Mużew ta' Londra* (Ritratt Uffiċċju Parrokkjali)



*Il-parti ċentrali tal-Mużew tal-Istorja Naturali (Londra) mill-arkitett Alfred Waterhouse fil-1873, b'reminixxenzi gotiċi.* (Disinn ta' Doreen Yarwood)

minn din il-binja imma sempliċement biex nuri li l-faċċata l- "ġdida" tal-knisja tagħna ġiet maħsuba u ppjanata minn stil li kien propju l-aħħar għajta fil-mixja tal-arkitettura ta' nofs l-*ottocento.*

Jekk inħarsu lejn il-faċċata tal-binja Ingliża u nqabbluha ma' dik tal-knisja tagħna preżenti naraw bosta elementi u format ġenerali ta' xebħ kbir. Barra miż-żewġ torrijiet u l-arkata imponenti tad-daħla ssib ukoll komuni l-idea 'gotika' tal-bifori (żewġ twieqi), il-parapetti ta' ħdejn il-qniepen, l-inkoronament ta' fuq il-kampnari. Biex ngħidu kollox iżda, l-idea tal-arkata kbira fuq il-bieb ta' barra, Vassallo ppjanaha wkoll biex isegwi t-tieqa kbira tal-faċċata l-antika li tidher xi ftit fid-disinn tagħha hawn muri.

Rigward l-intern inżamm l-istil sobriju ta' Bonavia bid-differenza li tbiddlet il-knisja minn sempliċi kaxxa – kif kienu il-kappelli/knejjes kollha ta' Malta fl-antik – u ngħatat il-forma ta' salib Latin biż-żieda ta' żewġ kappelluni li ffurmaw it-transett u t-titwil tal-kor ta' wara l-altar maġġur. Interessanti r-rimarka ta' Achille Ferris ta' meta qal kemm kien sabiħ l-apside tal-knisja l-qadima. Min jaf għaliex ? Li hu żgur huwa li l-apside tal-lum huwa imprezzjożit bil-pittura manjifika ta' Calì li qed terġa' tirritorna għall-glorja tagħha.